

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tat-8 ta' Mejju 2014 – Bolloré vs Il-Kummissjoni Ewropea(Kawża C-414/12 P) ⁽¹⁾

(Appell — Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-karta saħħara — Imputabbiltà lill-kumpannija parent tal-ksur imwettaq mis-sussidjarja tagħha — Parteċipazzjoni diretta tal-kumpannija parent fil-ksur — Ugwaljanza fit-trattament — Tul tal-proċedura amministrattiva u ġudizzjarja — Terminu raġonevoli — Drittijiet tad-difiża)

(2014/C 202/04)

Lingwa tal-proċedura: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Bolloré (rappreżentanti: P. Gassenbach, C. Lemaire u O. de Juvigny, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: W. Mölls u R. Sauer, aġenti, assistiti minn N. Coutrelis, avukat)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla), tas-27 ta' Ġunju 2012, Bolloré vs Il-Kummissjoni (T-372/10), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ħadet talba għal annullament jew għal riforma tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 4160 finali, tat-23 ta' Ġunju 2010, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/36212 – Karta saħħara) – Deċiżjoni adottata wara l-annullament tal-ewwel deċiżjoni – Imputazzjoni tal-ksur lill-kumpannija parent, ikkunsidrata fil-kwalità tagħha ta' awtur dirett – Multa – Nulla poena sine lege – Ugwaljanza fit-trattament – Terminu raġonevoli – Drittijiet tad-difiża

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Bolloré hija kkundannata għall-ispejjeż ta' dan l-appell.

⁽¹⁾ ĠU C 355, 17.11.2012

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-8 ta' Mejju 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Grondwettelijk Hof -il-Belġju) – Pelckmans Turnhout NV vs Walter Van Gastel Balen NV et(Kawża C-483/12) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Prinċipji ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni — Implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni — Kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni — Assenza — Nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja)

(2014/C 202/05)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Grondwettelijk Hof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Pelckmans Turnhout NV

Konvenuti: Walter Van Gastel Balen NV, Walter Van Gastel NV, Walter Van Gastel Lifestyle NV, Walter Van Gastel Schoten NV

Fil-preżenza ta': Ministerraad